# *Nekroloġija:-*
# *Mons. Edgar Attard*


*Mons. Edgar Attard*

**Mill-Bord Editorjali**

Fl-għodwa tat-8 ta' Marzu 2019 ġriet l-aħbar li miet Mons Dun Edgar Attard. Għal dawk it-Tarxiniżi ta' ċertu età ftakru li Dun Edgar kien wieħed mill-kappillani ta' Ħal Tarxien. Aħna nixtiequ nfakkru lil dan il-kappillan li ħadem fostna għal għaxar snin. Qabel ma ġie Ħal Tarxien, Dun Edgar kien diġà kappillan f'żewġ postijiet oħra. Hu beda l-kariga tiegħu ta' kappillan ta' Ħal Tarxien fit-28 ta' Marzu 1971.

Ħafna Tarxiniżi kienu jafu li Dun Edgar kien diġà kappillan f'żewġ parroċċi oħra għalhekk kellu ċerta esperjanza. Fil-mixja tiegħu bħala kappillan ta' Ħal Tarxien għal għaxar snin sar midħla ta' kulħadd mhux biss biż-żjajjar fil-familji li bħala missier spiritwali kien jagħmel bla ma kien jaqta', imma wkoll fil-kuntatti li kien kontinwament jagħmel mal-membri tal-parroċċa kollha fil-qadi pastorali tiegħu. Meta kien kappillan hawn kien imlaħħaq bħala Dekan tat-tielet distrett kif ukoll Assistent Segretarju tal-Kunsill tal-Kappillani.

Fi żmienu saru l-bankijiet fil-knisja parrokkjali u tneħħa l-pulptu. Saret in-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju u tneħħa l-battisteru minn ħdejn il-bieb prinċipali. Kien sab rapport dwar l-istat tal-kampnari u fuq parir ta' xi esperti kellu jibdel il-biċċa ta' fuq taż-żewġ kampnari tal-knisja parrokkjali. Fetaħ ukoll librerija li kienet imżejna b'numru ta' kotba dwar suġġetti diversi.

Hu kien ġentlom kbir u meta ħarġet l-aħbar li kien se jħallina biex imur Arċipriet f'Ħal Qormi (San Ġorġ) kien hawn min mar il-Kurja biex lil dan il-kappillan iħalluh fir-raħal tagħna.

F'ċirkustanzi bħal dawn tkun tixtieq tgħid ħafna xorti iżda wieħed donnu ma jsibx kliem biżżejjed biex tesprimi ruħek u għalhekk tiġbor kollox fil-kelma 'Grazzi'. Fit-TARXIEN Numru 38 ħarġa ta' Settembru - Ottubru 1981 Kelinu Cachia nisiġlu din it-taqbila:-

Għażiż Kappillan, minn qalbna nsellmulek;<br>
Kull hena u risq fis-sew nixtiqulek;<br>
Nitolbu lill-Mulej biex Hu jieqaf miegħek,<br>
Iħarsek u iseddqek fil-qasam ġdid tiegħek.

U Ommna tas-Sema, b'ħarsitha thennik;<br>
Kull xewqa ta' qalbek, fi triqtek tagħtik.

Aħna nagħtu l-kondoljanzi tagħna lill-familja tiegħu. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.


# JOHN FARRUGIA LTD.
## Timber Merchants
(TA' L-INJAM)

Dejma Road, Tarxien TXN 9037<br>
Tel: 21665574 • Mob: 79665574 • Email: farjon7@gmail.com